# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Leonard Spiterti

Illum 20 ta’ Jannar 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Leonard Spiteri, bin Leonard u Grace nee Cassar imwieled fil-22/08/1975 u joqghod 16, Triq il-Madonna tal-Gilju, Mqabba ID 0462875M

Billi int akkuzat talli fil-25 ta’ Marzu, 2023 ghall-habta ta’ 15.30 hrs fi Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni FAD 768;

1. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offiza ta’ natura hafifa fuq

il-persuna ta' Nejah Masrallah skond kif iccertifika Dr. Mark Muscat M.D. mill-M.D.H., Kap 9 art 226(1)(c).

2. Soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fi Triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, Kap 65 Art 15A.
3. U aktar talli irrifjutajt jew inqast milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina. Kap. 65 Art. 15E.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art. 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 226(1) (c) Kap 9 15A u 15 E (4)Kap 65 , L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta..

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 2329 Tiziana Azzopardi u Dr Mark Muscat** xehdu permezz ta' affidavit

**<u>Nejah Nasrallah, xehdet hekk</u>**

Avu: Nejah tista tispjegalna kont involuta f`xi incident tat-traffiku, tiftakar id-data u tispjega daqxejn x`gara?

Xhud: Id-data kien is-Sibt 25 ta` Marzu 2023 kienu xi 3.20 hekk Kont sejra nwassal lit-tifla Sport ħabba għandi t-tifla tibda, 3.30 l-isports. Il-ġurnata kienet 25 ta' Marzu 2023 is-Sibt kelli tifla tmur sport tibda f' 3.30 iż-Zurrieq stess kont sejra nwassalha.

Qorti: Int fejn kont iż-Zurrieq?

Xhud: Triq Blue Grotto il-main road. Kont sejra għax ħossni jiġifieri nieżla l-aħħar taż-Zurrieq Blue Grotto. Direzzzjoni lejn l-ajruport.

Avu: Il-vettura tiegħek x`registration number?

Xhud: FCP 019.

Avu: Qed taghrafaha fuq l-isketch?

Xhud: Din tieghi.

Avu: Issa ghedtilna li kont sejra direzzjoni miż-Zurrieq lejn l-airport x'ġara kif kienet traffiku dak il-ħin u kif sehh l-incident?

Xhud: Ma kienx hemm it-traffiku imma jiena wasalt fejn ir-roundabout tal-bebbux min ġej mill-Qrendi.

Avu: Meta tghid tal-bebbux ghall-fejn?

Xhud: Ħabba hemmhekk hemm roundabout ngħidulha tal-bebbux.

Avu: Qed taghrafha hemmhekk u dan jiġi mill-Qrendi.

Qorti: Trid timmarka dottore mhux hawn u hawn.

Avu: Mela ghamel X fejn hemm ir-roundabout tal-bebux issa x`rajt?

Xhud: Rajtu it-trakk jiġifieri gej u suppost jieqaf fuq Stop u nħossni hekk ġieli kelli feeling iħares in-naħa l-oħra ħares u n-naħa tax-xellug nħossni hekk indunajt dak il-feeling u daqqejtlu l-ħorn u ppruvajt immur il bogħod naqra.

Avu: X'jagħmel hu x'rajtu jagħmel?

Xhud: Hu qares naħa wahda u baqa' hiereg.

Qorti: Ghamel vlegga minn fejn kien gej.

Avu: Ghedtilna li hu baqa` hiereg u kont qed tghidilna ukoll li inti x`ippruvajt taghmel?

Xhud: Jiena pprovajt kont suppost f`dan il-line ipprovajt immur naqra il-bogħod indunajt illi mhux ħa jhares għamiltlu l-horn mort u narah fin-nofs hawn.

Avu: Gbidt lejn liem naha xelug lemin?

Xhud: In-naha tieghi lemin u baqa` dihel dahal go fijja.

Avu: Issa hsara fuq il-vettura tiegħek ħsara fuq il-persuna tiegħek għidli x'ġara dakinhar milli tiftakar ovvjament?

Xhud: Jiena niftakar li f' dil-ġurnata kumbinazzjoni kont bir-Ramadan jiġifieri jkun hawn dik il-qata` u hekk u t-tifla kienet miegħi naqra twerwirt imbagħad jiena ħassejtni mhux sew.

Avu: Kemm għandha żmien t-tifla tiegħek?

Xhud: Issa għandha 9 is-sena li għaddiet 8 grazzi l-alla tifla kellha xejn jiġifieri kemm twerwira waqqfu nies minħabba kulħadd kważi nafu kulħadd marru igibu bil-flixkun ilma lili u beda jgħidu li ħa nieħdu t-tifla magħna tinkwetax tinkwietax u hekk. U bdejt inħoss tnemnim kullimkien jien bdejtni inhossni mhux qeghda sew u x`ħin ġiet l-ambulanza t-tabiba waslet l-ambulanza qabel il-pulizija kienet diġà t-tifla fuqi imħabba kienet ħafna u tifla

Autistic. U bdiet it-tifla qisa mhux orrajt u kont fuq it-tifla giet it-tabiba u niżlitha. U qagħdet tilgħab biex iżomm l-idejja biex toqgħod kalma naqra oħra u bdew jagħmluli dik għamlu li hekk dogs biex nibqa' stabilizzata u xħin wasalt l-isptar kellu jagħmlu CT scan minn fuq s'isfel u kellhom jagħtuni kelli bżonn jagħtu l-morfina ħabba kont ħafna muġugħa. U mbagħad qaluli aħjar inżommuknhawn imma jien ma nistax nibqa minħabba l-konnessjoni ta' binti, m`għandi l-ħadd hekk. Kelli bżonn noħroġ imbagħad għamluli l-MRI u tawni il-pirmli biex għamlu testijiet tad-demm dik il-ġurnata stess u tawni pirmli ghall-uġigħ qaluli biex tkompli tieħu l-pilloli ta ugiegh u wara jgħaddili dak l-effett tal-morfina u mbagħad għamluli l-MRI.

Qorti: Inti taf min habat fik taf min hu?

Xhud: Dik il-ġurnata ngħidlek il-verità ma kontx nafu u lanqas jiġifieri anke jekk hemmhekk iltaqa' miegħu biex hu jirranġali l-karozza iltaqjt mieghu u irrangali il-karozza hu dak hu.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Avu: Issa kont qed tgħid allura kif spiċċajt imbagħad mill-isptar ħalli naqilbu issa fuq il-karozza?

Xhud: L-isptar tawni l-morfina u ghamluli testijiet tad-demm u hekk u tawni pirmli biex inkompli fuqhom ta l-ugiegh. Imbagħad qaluli biex naghmel l-MRI u sabu li ghandi 3 hawn rkiekel marruli u hawn wara. U l-konsulent sabli 6% ta` diżabilità ħabba jiena kelli açċident qabel ukoll.

Avu: Issa fir-rigward tal-vettura x'ġara imbagħad spjega?

Xhud: Il-vettura kellha ħsara kbira, jiġifieri.

Avu: U kif ġejt biex iltqajt mal-imputat?

Xhud: Jiena kelli wara 3 ijiem kelli bżonn nikri karozza ħabba biex nistgħa ninqeda u hekk imbagħad l-insurance huma qabdu biex ikellimni u kellimni u hekk hu rranġali karozza, jiġifieri minn jheddu u krieli karozza ukoll.

Avu: U kif sirt taf min hu?

Xhud: L-insurance ghaddewli il-mobile number tieghu biex jirrangali l-karozza.

Avu: Min hi l-insurance?

Xhud: Middlesea tieghu.

Avu: Il-vettura tieghek x`gara irrangahielek hu?

Xhud: Iva.

Avu: Hemm xi ħaġa oħra li tixtieq iżżid dak li ġara dakinhar jew wara?

Xhud: Dak li kelli xi nghid.

Avu2: KOntro Ezami, mela Najeh ngħid sewwa li dakinhar x`ħin kont qed issuq il-Blue Grotto Avenue u s-sinjur Leonard kien ħiereġ fuq stop sign inti rajtu jħares?

Xhud: Jiena rajtu jħares naħa tax-xellug, jiġifieri n-naħa l-oħra mhux in-naħa tagħna naħa l-oħra mbagħad ħassni hekk dak il-feeling hrigt naha dik imma ghedt forsi u daqqejtlu il-horn ghedt forsi jinduna iktar.

Avu2: Jigifieri fil-mument li rajtu jhares kien qiegħed wieqaf hux hekk?

Xhud: Harsa wahda u ħareġ.

Avu2: Jiġifieri kien wieqaf u ħareġ?

Xhud: Iva.

Avu2: Issa ngħid sewwa illi inti dak il-ħin kont qed isuq b'veloċità ta' aktar minn 50km fis-siegħa tiftakar kemm kont qed issuq?

Xhud: Hemmhekk lanqas 35 ma tkun tista' issuq.

Avu2: Tiftakar kemm kont qed issuq kont qed tħares lejn l-ispeedometer?

Xhud: Le Le ma nistax tiġri hemmhekk joħolqu l-ewwel xi ħaġa b' ħafna bini jista' joħroġ tfal hemm ħafna żebra crossing ma tistax issuq hemm.

Avu2: Ngħid sewwa illi inti paqpaqt imma ma brejkjatx?

Xhud: Jiena fit-triq tieghi.

Qorti: Meta rajtu kien wieqaf fuq l-stop?

Xhud: Le ma waqafx hares hekk u hareg.

Qorti: Waqaf jew le?

Xhud: Ħa ngħidlek eżatt, jiena kont kważi viċin għaliex imma xorta ma raniex dak eżatt jiġifieri.

Avu: X`hin rajtu lilu x`kien qed jaghmel wieqaf?

Avu2: X'ħin għidtilna li rajtu jħares fuq ix-xellug f'dak il-mument kien wieqaf?

Xhud: Le le mi-roundabout ħareġ u tħoss dik il-feeling u daqqejtlu il-ħorn mort in-naħa tal-lemin.

Avu2: Nghid sew li dak il-hin kien hemm xemx sewwa tiżreġ?

Xhud: No no barra minn hekk jien għandi nuccali.

Avu2: Ma kien hemm xemx sew mhux qed ngħid għalik kien hemm xemx tat-tlieta ta' wara nofs in-nhar?

Xhud: Marzu ta` fit-3.30 jien kont kontra x-xemx.

Avu2: Imma ġurnata xemx mhux bħal-lum ġurnata sewda?

Xhud: Le le kontra tax-xemx. Jiena kont kontra x'jiġifieri barra minn hekk kont bin-nuccali.

Avu2: Allura wara l-incident kif kien il-komportament ta' Leonard ngħid sewwa li kien mill-ewwel offra l-għajnuna biex jara li inti kollox sew?

Xhud: Iva ġie biex immur naħa l-oħra jien kont inkwetata għat-tifla wkoll pprova jikkalma t-tifla. Hemmhekk li noqgħod hemmhekk kważi nafu kulħadd, kulħadd ħareġ u beda jgħiduli nieħdu it-tifla magħna ikkalma u hekk, jiġifieri ħafna offrew għajnuna u hu wieħed minnhom.

Avu2: Wara l-inċident għedtilna it-tifla kienet fuqek, jiġifieri dak il-mument kont kapaċi terfa' lit-tifla naqblu?

Xhud: Toqgħod bil-qiegħda fuq in-naħa tal-passiġġier imma għandi tifla bħalma għedtilkom Autistic jiġifieri ma tikkalma b'xejn u iktar jekk tara lili dik u bilfors u x'ħin ġew it-tabib qaltilha mur dik in-naħa u żżomm idejn il-mummy jiġifieri anke jekk muguha t-tifla l-ewwel ta'.

Avu2: M'għandix aktar mistoqsijiet sinjura.

**Ikkunsidrat**

L-imputat naqas li jaghti kampjun tan-nifs tieghu wara li inghata t-twissija minghad PS 2329 Tiziana Azzopardi dwar il-konsegwenzi ta' dan l-agir u bhekk jirrizultaw t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet. Jirrizulta ukoll l-ewwel( 1) imputazzjoni stante nuppas ta' *proper lookout* meta hiereg minn stop sign

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226(1) (c) Kap 9 15A u 15 E (4)Kap 65 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Leonard Spiteri hati tal-ewwel, tieni u tielet

imputazzjonijiet  fil-konfront tieghu  u tikkundannha komplessivament  ghal multa ta' elfejn euro (2000) sospensjoni tal-licenzji tieghu tas-sewqan  ghal sitt (6) xhur u (10) punti fuq il-licenzji tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**